Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 138/2000/2

**Joseph Vella**

**vs**

**Pierre Cremona**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili b'sentenza moghtija fit-12 ta' Ottubru, 2001 cahdet it-talbiet ta' l-attur dedotti fic-citazzjoni, minkejja li l-konvenut kien kontumaci, stante illi l-Qorti dehrilha illi ma ingiebitx l-ahjar prova skond l-Artikolu 559 tal-Kap. 12, bl-ispejjez kontra l-attur.

**L-APPELL TA' L-ATTUR**

2. L-attur hassu aggravat mill-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha lil din il-Qorti fuq l-aggravju li gej:

(i) Din il-kawza originarjament kienet bdiet bil-giljottina fejn l-attur kien halef illi l-konvenut ma kellux eccezzjonijiet x'jaghti. Meta deher quddiem il-Qorti, l-Qorti ikkoncedietlu ghoxrin gurnata zmien biex jaghmel tali eccezzjonijiet. Minkejja kollox baqa' ma pprezentax eccezzjonijiet.

Il-process fih innifsu ghalhekk kien hemm (fih) id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur illi ghandu jiehu l-ammont indikat fic-citazzjoni, liema ammont huwa kien ikkonsenja lill-konvenut illi ma kellu l-ebda titolu illi jzommhom ghaliex in-negozju illi kien hemm bejniethom qatt ma seta' jsir u kien effettivament gie ingannat.

Illi kontra din il-prova ma kien hemm l-ebda prova ohra. L-esponenti inqeda bl-Artikoli 560 tal-procedura fejn anzi jinghad illi l-Qorti m'ghandhiex thalli illi jkun hemm xhieda illi tkun "*irrelevant or superfluous*". La kien hemm ix-xhieda guramentata ta' l-attur illi l-flus ma kienx hadhom u li dak il-kreditu kien jezisti u ma kien hemm l-ebda xhieda jew kontestazzjoni legali ta' dak il-fatt, hija l-Qorti stess illi ma kellhiex ghaliex jinstemghu ix-xhieda izjed meta kien hemm id-dikjarazzjoni guramentata tieghu.

Huwa risaput illi fil-Qrati kollha hlief f'din partikolari, fil-kontumacja, ikun hemm xhieda waqt il-kawza kemm-il darba fil-mori tal-kawza ikun intlahaq thallas ammont. Izda f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda tibdil u ghahekk baqa' kollox kif kien fil-bidu tac-citazzjoni.

L-ewwel Qorti iccitat l-Artikolu 559. Dana diga` ikkowotatu f'kaz iehor mill-istess Qorti kif preseduta f'kaz ta' <u>Kristinu Grech vs Anthony Bartolo</u> deciz mill-Qorti ta' l-Appell fid-

29 ta’ Mejju, 1998 fejn wara illi kienu instemghu diversi xhieda fuq kirja u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni, dik il-Qorti kienet qalet illi ma kellhiex l-ahjar prova tal-kirja ghaliex ma giex esebit il-ktieb tal-kera. Il-Qorti ta’ l-Appell b’referenza ghall-Artikolu 559 kienet ammettiet il-prova tal-ktieb tal-kera u qalet illi kien hemm l-element ta’ sorpriza.

F’dan il-kaz ukoll hemm l-element ta’ sorpriza ghaliex skond l-Artikolu 559 huwa dmir tal-Qorti illi jekk trid aktar xhieda titlobha hi: “*The court shall require the best evidence that the party may be able to produce*”. F’dan il-kaz pero` tal-kontumacja hemm is-sorpriza ghaliex meta il-Qrati bl-Imhallfin kollha jagixxu b’dan il-mod fuq kreditu, ma jistax jinghad illi x-xhieda guramentata mhux kontestata ta’ parti ma tkunx bizzejjed ghall-konvinciment morali tal-gudikant. Il-Qorti kellha kwalunkwe dritt illi ttella’ l-attur u tghamillu l-mistoqsijiet fuq l-affidavit tieghu fuq id-dikjarazzjoni guramentata tieghu illi hija parti mix-xhieda.

(ii) Fi kwalunkwe kaz u ghall-kompletezza, qed issir riferenza u jintalab illi jitqiesu bhala annessi l-atti tal-Mandat tar-rikors Nru: 97/00GV deciz fit-30 ta’ Mejju, 2001 fejn wara illi kien sar mandat mill-attur u instemghu x-xhieda, kien hemm car u tond il-provi kollha u minn fejn jirrizulta ghall-finijiet ta’ gustizzja illi l-attur prezenti kien hallas somma sostanzjali biex iddur il-cafeteria fuqu u dana specjalment b’riferenza ghax-xhieda illi kien ta’ Joseph Grima tal-General Workers Union f’dak ir-rikors.

Din ghalhekk mhix kwistjoni ta’ sorpriza kif qalet il-Qorti fuq il-parti intimata imma il-kawzi fil-kontumacja jpoggu responsabbilita` fuq il-konvenut illi jaderixxi ma’ dak illi tghid il-Ligi u hu imputezzibbli (sic!) jekk naqas illi jaghmel dan.

(iii) Illi l-kwistjoni tal-*best evidence* hija neboluza hafna kieku wiehed ihalliha ghall-interpretazzjoni vaga. Il-gurament tal-parti huwa the *best evidence*. Jekk dik l-evidenza tkun *hearsay evidence* fic-civil hija ammissibbli taht certu kawteli, imma meta huwa stess li kien hallas, li kien ftiehem li suppost hareg il-flus biex jiehu negozju,

liema negozju ma setax jigi trasferit u ma hax sold lura, aktar minnu hadd ma kien jafu, huwa kien l-aqwa xhud u l-iktar persuna illi kien jaf fuq il-fatti.

Ghalhekk l-attur ukoll pprezenta il-*best evidence* illi kellu. Barra minn hekk hemm ir-regola ukoll illi xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed. F'dan il-kaz, hlief dan ix-xhud ma kien hemm l-ebda xhieda kontrarja. L-Ewwel Qorti ma qalitx illi dan ix-xhud ma kienx jitwemmen fuq il-gurament tieghu, ghaliex hemm hekk kien ikollha kwalunkwe raguni specjalment jekk tellghatu ghall-mistoqsijiet ex officcio u ma rrispondhiex.

Illi fil-gustizzja ghandu jinghad illi l-attur ghandu familja zghira illi minhabba din il-kwistjoni spicca b'dejn mal-bank u l-parti l-ohra illi ma ttrasferitlu xejn gawdiet somma sostanzjali ta' flus u issa b'sorpriza f'kawza illi fiha baqa' kontumaci, jirbahha ukoll ghaliex lanqas ikkontestaha. Kieku konna fil-football, l-attur kellu jirbah bil-*walkover* pero` f'dan il-kaz skorja wkoll u kontra il-*goal* tieghu u x-xhieda tieghu ma kien hemm xejn.

Fil-process civili, huwa bizzejjed illi l-attur jipprova fuq bazi ta' probabbilita`. X'kien hemm illi jnaqqas il-probabbilita` u jdahhal suspett f'mohh il-Qorti illi probabbilment ma garax hekk? Kieku kellu jigi ammess l-istess principju ta' l-ahjar prova, kulhadd irid, anke zewg mizzewgin, izommu zewg xhieda maghhom halli jekk jinqalalhom xi haga ikollhom ix-xhud estraneu. Imma huwa risaput illi l-konvinciment morali tal-gudikant isir bir-regoli li tghid il-ligi, imma ma hemm l-ebda regola illi l-*best evidence rule* tiskarta ix-xhieda ta' l-attur stess.

Ghaldaqstant l-attur appellant talab illi din il-Qorti joghgobha, waqt illi ghal kull buon fini tammetti l-atti tar-Rik. Nru 97/00 GV deciz fit-30 ta' Mejju, 2001 tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLAT PIERRE CREMONA</u>**

3. L-appellat konvenut wiegeb hekk:-

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, u ghaldaqstant, l-appell odjern ghandu jigi respint ghas-segwenti ragunijiet, u cioe`:

a. Illi fl-ewwel lok, kuntrarjament ghal dak indikat fir-rikors ta’ l-appell f’paragrafu numru wiehed (1), m’hu veru xejn li l-konvenut (l-appellat f’dawn il-proceduri) “*minkejja kollox baqa’ ma ipprezentax eccezzjonijiet*”, daqs li kieku l-appellat ghal kollox injora l-kawza de quo, mentri fil-fatt, dak li sehh kien li meta l-appellat kien inghata l-possibbilita` li jintavola l-eccezzjonijiet tieghu fis-16 ta’ Marzu 2001, l-Ewwel Qorti kienet imponiet kundizzjoni li mal-prezentata ta’ l-eccezzjonijiet, huwa kellu jiddepozita somma ekwivalenti ghal disa’ mitt lira Maltija (LM900), liema somma ma thallsitx minnu stante li jirregistra ghax-xoghol, izda nonostante li ma kellux l-fondi necessarji, l-appellat xorta wahda intavola n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu fis-16 ta’ Marzu 2001 stess;

b. Illi kien f’dan il-kuntest li l-attur (l-appellant f’dawn il-proceduri) talab l-isfilz tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet intavolata quddiem l-Ewwel Qorti, u ghalhekk, altru milli l-appellat ma kienx ipprezenta eccezzjonijiet tieghu, anki jekk eventwalment waqa’ kontumaci xorta wahda;

c. Illi fit-tieni lok, dak in-nhar tas-seduta li fiha l-appellant talab l-isfilz tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet, kien iddikjara lill-Ewwel Qorti li ma kellux aktar provi, u li kien ser joqghod biss fuq id-dikjarazzjoni guramentata tieghu stess li kienet taghmel parti mic-citazzjoni intavolata minnu;

d. Illi f’dawn ic-cirkostanzi, l-appellat ipprevalixxa ruhu mill-Artikolu 158 (10) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, biex jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet, b’obbligu li jinnotifika lill-appellant, kif fil-fatt sehh;

e. Illi n-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-appellat kienet tali li l-Ewwel Qorti setghet tapprezza mhux biss l-argumenti shah ta’ l-appellat li jimminaw l-allegazzjonijiet ta’ l-appellanti, izda ukoll in-natura tal-kontumacja fil-kawza odjerna, li ma kienitx wahda ta’ nuqqas ta’ interess da

parti ta’ l-appellat li dejjem attenda s-seduti tal-qorti, izda wahda ta’ nuqqas ta’ fondi peress li l-appellat jirregistra u ma jahdimx kif fil-fatt ghadu sal-lum;

f. Illi nonostante li kienet saret notifika lill-appellant bin-nota ta’ l-osservazzjonijiet, dan baqa’ ma wegibx, kuntrarjament ghall-obbligu tieghu li jaghmel hekk, kif fil-fatt hu wkoll ikkontemplat fl-Artikolu 158 (10) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, u ghalhekk tilef okkazjoni li jintavola r-risposta relattiva ghall-imsemmija nota sabiex jekk xejn jissostanzja t-talbiet tieghu, izda l-appellant ghazel li jinjora tali opportunita` li tipprovdi l-ligi u joqghod biss fuq id-dikjarazzjoni guramentata tieghu;

g. Illi fit-tielet lok, kif indikat tajjeb l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, kien nuqqas serju da parti ta’ l-appellant li ma ressaqx aktar provi biex jissostanzja t-talbiet tieghu, u ttenni li

“*il-kontumacja tal-konvenut ma tehlisx lill-attur mill-htiega li jaghmel il-prova tal-fatti li fuqhom hija mibnija t-talba tieghu, u anzi, il-htiega li jaghmel l-ahjar prova, kif irid l-artikolu 559, issir aktar urgenti billi l-qorti jkollha toqghod fuq ix-xhieda ta’ wahda mill-partijiet*”;

h. Illi di piu`, l-appellant kien konxju dwar in-nuqqas tieghu tant li ghazel hu stess li ma jissottomettix provi ohra u l-qorti ttenni wkoll li
“*l-ghazla li ma jressaqx aktar xhieda, l-attur ghamilha b’ghajnejh miftuha, ghax kien jaf xi provi hemm fil-process...*(u) *ghalhekk, bix-xhieda li ressaq, l-attur ma ghamilx il-prova tal-fatti li fuqhom huma mibnija t-talbiet tieghu*.”;

i. Illi l-istess qorti emfasizzat illi
“*fil-fehma tal-qorti fil-kaz tal-lum l-attur ma ressaqx l-ahjar prova, la tal-ftehim li jghid li sar u lanqas tal-hlas maghmul minnu lill-konvenut*.”;

j. Illi tali nuqqas da parti ta’ l-appellant ma jistax issa jinheba taht skuza li huwa kien “inqeda” bl-Artikolu 560

tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili kif hu ddikjarat fir-rikors ta’ l-appell tieghu, liema Artikolu jghid li

“*il-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li m’hix relevanti jew li hija zejda, jew li mhux l-ahjar prova li l-parti tista’ ggib*.” (Art. 560);

k. Illi fil-fehma ta’ l-appellat, l-Artikolu 560 fuq citat mhux intenzjonat u fil-fatt, qatt ma kien intenzjonat mil-legislatur biex xi parti f’kawza ‘*tinqeda*’ bih, u huwa evidenti mill-atti li l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma kellha talba ta’ l-appellant ghal aktar provi, u dunque, hija qatt ma cahditu milli jgib xi prova ohra. F’dan il-kuntest, tali referenza mill-appellant ghall-Artikolu 560 hija bla bazi u ghal kollox frivola;

l. Illi fir-raba’ lok, l-appellant fir-rikors tieghu qieghed isostni li
“*il-Qorti kellha kwalunkwe dritt illi ttella’ l-attur u taghmillu l-mistoqsijiet fuq l-affidavit tieghu fuq id-dikjarazzjoni guramentata tieghu illi hija parti mix-xhieda*.”,

u appuntu hawn, l-appellant jaghti x’jifhem li kien hemm xi nuqqas mill-Ewwel Qorti f’dan ir-rigward, mentri fil-fatt, in vista tal-fatt li l-appellant kien iddikjara ruhu li ma kellux aktar provi, ma setax jobbliga lill-Qorti ttellghu u taghmillu tali mistoqsijiet. Il-Kodici mkien ma jindikaw (sic!) li l-Qorti ghandha xi obbligu taghmel dan aktar u aktar quddiem id-dikjarazzjoni ta’ l-istess appellant li ma kellux aktar provi xi jressaq.

m. Illi fil-hames lok, l-appellat joggezzjona li jkunu annessi l-atti tal-mandat (Rikors numru 97/00 GV, deciz fit-30 ta’ Mejju 2001) bhala provi kif huwa mitlub mill-appellant, u dan stante li tali atti huma provi godda f’din l-istanza u dunque inammessibbli. L-appellant kellu kull opportunita` li jirreferi ghal provi ohra, inkluz tali atti, izda naqas milli jaghmel hekk kif spjegat aktar ‘il quddiem;

n. Illi fis-sitt lok, l-argument dwar il-‘*best evidence*’ ta’ l-appellant mhux wiehed sod, anzi huwa wiehed ghal kollox

nieqes mill-logika u dunque dghajjef, kif fil-fatt jidher mill-analogija li tissemma.

o. Illi fis-seba' lok, l-appellat jixtieq jispjega li dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 559 u 560 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa ben saput illi l-Qrati Superjuri taghna dejjem irrispettaw id-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti.

p. L-appellat jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, fid-29 ta' Ottubru, 1985 fil-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet "L-E.T. Rev.ma Monsinjur Arcisqof Giuseppe Mercieca pro noe et versus L-Onorevoli Prim Ministru noe et" (Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. LXVIII, 1984, Part I – II, Pagna, 64-65) li titratta dwar xhieda f'kawza fuq l-iskejjel tal-knisja, liema Qorti fil-korp tas-sentenza taghha, ghamlet referenza ghall-artikoli in dezamina f'din il-kawza, u ma halliet l-ebda dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' l-istess artikoli meta qalet is-segwenti:

"*Ikkunsidrat illi l-principji li qeghdin fil-bazi tal-materja in kawza huma: l-ewwelnett l-Artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ... Kif ukoll l-atteggjament li l-Qorti taghna dejjem hadu in materja. Dan l-atteggjament kien ikkunsidrat mill-gdid u mtenni minn din il-Qorti, diversament ikkostitwita* (J.J. Cremona, M. Caruana Curran, V.R. Sammut) fil-5 ta' Mejju, 1975, in re Harold Scorey versus Joseph Avellino noe (Decizjonijiet Kostituzzjonali, 1964 – 78m p. 413, f'p 418) fejn kien intqal:

"*F'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ... Skond il-gurisprudenza patrija Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti ta' l-ewwel grad jekk mhux ghal xi motivi gravi ... (ara per ezempju, Kol. Vol. XXVIII.1.344 u XXXVII.I.230);*"

Dik il-Qorti ziedet:

*"li gieli gie deciz (ara per ezempju, Kol. Vol. XXX.I.737) f'termini li jidhru assoluti, li f'materja ta' rilevanza ta' xhieda Qorti tat-tieni grad ma tistax tindahal fid-diskrezzjoni ta' dik ta' l-ewwel grad, izda din il-Qorti tippreferixxi thaddan il-veduta iktar temperata imma fl-istess hin ragonevolment kawta li qieghda hawn tithaddan: (ibid);*

*Din il-Qorti kif ikkostitwita llum izzid biss li hija ta' l-istess fehma u cioe` li l-Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad jekk mhux biss ghal motivi gravi; u dan billi l-kliem testwali ta' l-artikolu tal-ligi citat jaghti diskrezzjoni soggettiva lill-Qorti, u, kif inhu maghruf, id-diskrezzjonijiet soggettivi kollha, inkluzi dawk imhollija f'idejn l-Ezekuttiv, m'humiex sindakabbli mill-Qorti hlief ghal motivi gravi, meta u fejn dawn jistghu japplikaw;*

*Ikkunsidrat illi minn dan isegwi li biex appell ikun sostnut, din il-Qorti trid issib li hemm motivi gravi ghaliex hija ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad."*

L-appellant ma ghamel l-ebda referenza ghal xi motivi gravi u fil-fehma ta' l-appellant, lanqas jista' jaghmel, u dan stante li ma jezisti l-ebda wiehed. Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll, l-appellat huwa tal-fehma li l-appell huwa wiehed minghajr bazi u ghal kollox frivolu.

Ghaldaqstant l-appel odjern ghandu jigi respint, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Fl-aggravji tieghu l-attur appellant qieghed jattakka l-operat ta' l-ewwel Qorti billi jsostni li, bil-maqlub ta' dak li gie ritenut minna, huwa (i.e. l-attur) ma kellux ghalfejn iressaq provi addizzjonali ghad-dikjarazzjoni mahlufa minnu in konferma tal-premessi fl-att tac-citazzjoni. Tali provi ulterjuri, huwa jghid, f'kuntest ta' kawza fejn il-konvenut baqa' kontumaci, kienu jkunu irrilevanti u superfluwi u f'dan is-sens jinvoka l-Artikolu 560 tal-Kap. 12. Il-kawzi fil-kontumacja, jsostni l-appellant, "ipoggu r-responsabilta` fuq il-konvenut illi jaderixxi ma dak illi tghid

il-Ligi...”. Skond hu, u fic-cirkostanzi suesposti, ix-xhieda tieghu kienet tammonta u tissodisfa l-kriterju tal-“*best evidence rule*” riferibbilment ghal dak kollu li huwa htieglu jipprova. L-attur ma gie kontradett minn hadd u huwa bizzejjed li l-attur jipprova fuq bazi ta’ probabilita`, sostna l-appellant.

5. Din il-Qorti tibda billi tosserva li in forza ta’ sentenza taghha in parte moghtija fis-6 ta’ Dicembru 2002, hija kienet ordnat l-isfilz ta’ dokumenti li l-appellant ried iressaq quddiemha ghall-ewwel darba ghar-ragunijiet imsemmijin f’dik is-sentenza.

6. Il-funzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell hija u tibqa’ essenzjalment wahda ta’ revizjoni u m’ghandha qatt isservi jew tigi uzata biex lakuni li kienu thallew vojta mill-partijiet jew xi wahda minnhom jigu kolmati u “rimedjati” fit-tieni stadju, Minbarra din, jigi osservat ukoll illi hija prassi ta’ din il-Qorti li ma tiddisturba qatt leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti ta’ l-ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet serji li jkunu jiddettaw xort’ ohra.

7. Huwa pacifiku li l-konvenut appellat ghazel li jibqa’ kontumaci f’kawza ta’ giljottina minkejja l-fatt li huwa originarjament deher personalment biex jipprova iwiegeb, billi jikkontestaha b’nota ta’ eccezzjonijiet, ghat-talbiet ta’ l-attur. Giet ikkrejata sitwazzjoni fejn minn banda wahda l-konvenut deher li ried jikkontesta t-talbiet ta’ l-attur izda fl-istess waqt baqa’ inadempjenti. Pero` anke hawn jigi osservat li l-attur seta’ jinduna li l-konvenut, minkejja li certament dan kien negligenti fil-komportament procedurali tieghu, ma kellu qatt verament l-intenzjoni li jaghti lill-attur “*walk-over*” – espressjoni adoperata mill-appellant innifsu fir-rikors ta’ appell.

8. Wiehed kien jistenna – u hekk gustament dehrilha l-Ewwel Qorti – li trattandosi hawn ta’ pretensjoni li hija impernjata fuq “ftehim”, li l-attur jesebieh mentri ebda ftehim ma gie esebit. Kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal semplici “*walk-over*” kif jippretendi l-appellant. Kif qalet l-Ewwel Qorti, l-ahjar prova trid issir dejjem. Imma lanqas ma jista’ jinghad li

kien hemm xi sorprizi f'dan il-kaz ghaliex jidher ukoll li fil-mori tal-procedura l-konvenut appellat inqeda' mill-fakolta` ta' nota ta' osservazzjonijiet ai termini ta' l-artikolu 158 (10) tal-Kap. 12 – ara digriet ivverbalizzat fis-seduta tad-19 ta' April 2001 (a fol. 33 u 34 tal-process) – u permezz taghha pprezenta risposta elaborata in kontestazzjoni ta' dak li halef u ddikjara l-attur. L-attur, min-naha tieghu, kien gie moghti l-opportunita` illi jwiegeb fi zmien xahar minn dakinhar pero` ghazel li ma jipprevalixxix ruhu mid-dritt ta' replika u minflok halla l-process miexi ghas-sentenza billi deherlu li bix-xhieda tieghu huwa kien fornixxa provi bizzejjed u li kien ukoll ressaq l-ahjar prova. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti ta' l-ewwel grad kienet gustifikata li tigbed u tasal ghall-konkluzjoni li l-attur appellant ma ressaqx provi sufficjenti in sostenn tat-talbiet tieghu. Il-kontumacja ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwizit tal-ligi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` u li jressaq l-ahjar prova. Mill-ftit li rnexxielu "jaghmel" il-konvenut, l-attur kien messu rrealizza li l-provi tieghu in kwantu bazati biss fuq dikjarazzjoni unika tieghu kienu insufficjenti. Il-Qorti ta' l-ewwel grad, in ezercizzju tad-diskrezzjoni fdata lilha, dehrilha li l-attur seta' facilment jipprezenta provi ahjar pero` huwa ghazel li ma jaghmilx dan u ghahekk dehrilha li ma kienx gust li tilqa' t-talbiet tieghu ghaliex b'hekk hija "tkun qeghda thalli lill-attur jiehu vantagg mhux xieraq mill-kontumacja tal-konvenut jekk toqghod fuq il-kelma ta' l-attur biss". F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma thossx li ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti b'dik taghha billi tiddisturbaha bl-iskop li tirrevokaha jew tibdilha. Ma hemm ebda gustifikazzjoni biex dan isir.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur. L-ispejjez ta' dana l-appell, komprizi dawk tad-decizjoni in parte tas-6 ta' Dicembru, 2002, ghandhom jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------